KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fit-13 ta' Frar 2020[1]

Kawża C-88/19

Asociația "Alianța pentru combaterea abuzurilor"
vs
TM,
UN,
Asociația DMPA

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Judecătoria Zărnești (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, Zărnești, ir-Rumanija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 92/43/KEE – Konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa – Sistema ta' ħarsien strett tal-ispeċi ta' annimali elenkati fl-Anness IV(a) – Firxa naturali – Qbid ta' kampjuni minn dawn l-ispeċi fis-selvaġġ – Lupu (*Canis lupus*) – Kampjuni li jitilqu mill-habitat naturali tagħhom – Derogi – Sigurtà pubblika – Sanzjonijiet"

I. Introduzzjoni

1. Id-Direttiva dwar l-Habitats[2] titlob li tiġi introdotta sistema ta' ħarsien strett ta' speċi, bħal-lupu (*Canis lupus*), li huma elenkati fl-Anness IV(a) tal-istess direttiva. Madankollu, din is-sistema ta' ħarsien għandha tapplika wkoll fil-każ fejn lupu jilgħab ma' klieb ġewwa raħal? Din hija d-domanda li għandha tiġi riżolta mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża.

2. Anki fil-forma speċifika tagħha, din id-domanda tista' tkun ta' importanza prattika ikbar milli wieħed jista' jaħseb[3]. Madankollu, ir-risposta għaliha ser tkun, fuq kollox, deċiżiva sabiex wieħed jiddetermina jekk il-ħarsien estensiv tal-ispeċi previst fid-Direttiva dwar l-Habitats huwiex ta' rilevanza primarja għal żoni naturali jew parzjalment naturali, jiġifieri, b'mod partikolari għal attivitajiet bħal ma huma l-agrikoltura u l-forestrija kif ukoll il-kaċċa jew inkella għandux jittieħed inkunsiderazzjoni mingħajr restrizzjonijiet għall-attivitajiet kollha tal-bniedem, pereżempju l-operat tat-toroq.

1 Lingwa oriġinali: Il-Ġermaniż

2 Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-*habitat* naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102) fil-verżjoni emendata permezz tad-Direttiva 2013/17/UE tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU 2013, L 158, p. 193).

3 Dwar każ simili, ara Jans, N., *A Wolf Called Romeo*, Mariner Books (2015) u Worrall, S., "How a Wolf Named Romeo Won Hearts in an Alaska Suburb", *National Geographic* tat-22 ta' Marzu 2015

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt internazzjonali

1. Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċje Migratorji tal-Annimali Selvaġġi

3. L-Artikolu 1(1) tal-Konservazzjoni tal-Ispeċje Migratorji tal-Annimali Selvaġġi [4] jiddefinixxi t-termini "medda" u "t-teħid fis-selvaġġ":

"Skont din il-Konvenzjoni […]

[…]

f) 'medda' ['firxa'] għandha tfisser iż-żoni kollha ta' l-art jew tal-baħar ta' speċje migratorji abitanti, li jabitaw temporanjament, li jaqsmu jew li jtijru minn fuqhom fi kwalunkwe żmien waqt ir-rotta migratorja normali tagħhom; […]

i) 'jittieħed/jittieħdu' tfisser, il-kaċċa, is-sajd, il-qbid; it-tqagħbir, il-qtil deliberat, jew l-attentat li jkun involut f'imġieba tali;

[…]".

2. Il-Konvenzjoni ta' Berna

4. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Berna [5] fih ukoll dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-ispeċi:

"Kull Parti Kontraenti għandha tieħu l-miżuri leġislattivi u amministrattivi xierqa u meħtieġa sabiex tassigura l-protezzjoni speċjali tal-ispeċje tal-fawna ferjali kif speċifikati fl-Appendiċi II. Dan li ġej għandu partikolarment ikun ipprojbit għal dawn l-ispeċje:

a. l-għamliet tal-qabda u ż-żamma deliberata u l-qtil deliberat;

[…]"

5. Il-lupu (*Canis lupus*) huwa elenkat fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni ta' Berna bħala speċi li hija mħarsa b'mod strett.

4 Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni ta' l-ispeċje migratorji ta' l-annimali selvaġġi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 15, p. 5).

5 Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali, miftuħa għall-iffirmar fid-19 ta' Settembru 1979 f'Berna, (ara wkoll ĠU 1982, L 38, p. 3); irratifikata f'isem il-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/72/KEE tat-3 ta' Diċembru 1981 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 14, p. 280, rettifika fil-ĠU 2018, L 311, p. 38).

B. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva dwar l-Habitats

6. L-ewwel sentenza tal-ħmistax-il premessa tad-Direttiva dwar l-Habitats tikkonċerna l-ħarsien tal-ispeċi:

" Billi hi meħtieġa sistema ġenerali ta' protezzjoni għal ċerti speċi ta' flora u fawna biex tikkumplimenta [d-Direttiva dwar l-Għasafar[6]]"

7. L-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar l-Habitats jiddefinixxi numru ta' termini:

"[…]

b) *habitat* naturali jfissru żoni terrestri jew akwatiċi distinti permezz ta' fatturi ġeografiċi, abiotiċi u biotiċi, sew jekk huma totalment naturali jew parzjalment naturali;

[…]

f) l-habitat naturali ta' speċi jfisser l-ambjent definit permezz ta' fatturi speċifiċi abiotiċi u biotiċi, li fihom jgħix l-ispeċi fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu bioloġiku tiegħu;

[…]

i) l-istat ta' konservazzjoni ta' speċi jfisser l-ammont miżjud ta' influwenzi li jaġixxu fuq l-ispeċi konċernati u li jistgħu jaffettwaw it-tqassim fit-tul u l-abbundanza tal-popolazzjonijiet ta' dik l-ispeċi fit-territorju msemmi fl-Artikolu 2;

L-istat ta' konservazzjoni jitqies 'favorevoli' meta:

– l-informazzjoni fuq iċ-ċaqliq tal-popolazzjoni konċernata tindika li qed tieħu ħsieb tagħha nnifisha fit-tul bħala komponent vjabbli ta' l-*habitat* naturali tagħha, u

– il-firxa naturali ta' l-ispeċi la qiegħda titnaqqas u lanqas m'għandha xejra li titnaqqas fil-ġejjieni prevedibbli, u

– hemm, u x'aktarx jibqa' jkun hemm, *habitat* naturali kbir biżżejjed biex iżomm il-popolazzjoni tagħha fit-tul;

[…]"

8. L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva dwar l-Habitats jiddeskrivi l-għan tal-imsemmija direttiva kif ġej:

"L-għan ta' din id-Direttiva jkun li tikkontribwixxi biex tiġi żgurata l-bijodiversità permezz tal-konservazzjoni ta' l-*habitat* naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li jgħodd għalihom it-Trattat."

6 It-test applikabbli fiż-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali kien dak tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU 2010 L 20, p. 7), kif emendata permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/17/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU 2013 L 158, p. 193).

9. L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar l-Habitats jirregola kif l-Istati Membri jagħżlu ż-żoni li huma jipproponu għal ħarsien:

"Skond il-kriterji stabbiliti fl-Anness III (Stadju 1) u l-informazzjoni xjentifika relevanti, kull Stat Membru għandu jipproponi lista ta' siti li jindikaw liema tipi ta' habitat naturali fl-Anness I u liema speċi fl-Anness II li hemm fis-siti huma endemiċi għat-territorju tagħhom. Għall-ispeċi ta' l-annimali li jimirħu fuq żoni kbar, dawn is-siti għandhom jaqblu mal-postijiet fil-medda naturali ta' dawk l-ispeċi li joffru l-fatturi fiżiċi jew bioloġiċi essenzjali għal ħajjithom u għar-riproduzzjoni. […]"

10. L-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Habitats fih l-obbligi fundamentali marbuta mal-ħarsien tal-ispeċi:

"(1) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabilixxu sistema ta' ħarsien strett ta' l-ispeċi ta' annimali msemmija fl-Anness IV (a) fil-firxa naturali tagħhom; u li jipprojbixxu:

a) l-forom kollha ta' qbid volontarju [intenzjonat] jew qtil ta' kampjuni ta' dawn l-ispeċi fis-selvaġġ;

b) tfixkil volontarju ta' dawn l-ispeċi, speċjalment waqt il-perjodu tat-tgħammir, tkabbir, ibernazzjoni u migrazzjoni;

ċ) qerda volontarja jew teħid tal-bajd mis-selvaġġ;

d) deterjorazzjoni jew qerda ta' siti tat-tgħammir jew postijiet ta' mistrieħ.

(2) Għal dawn l-ispeċi, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu ż-żamma, it-trasport u l-bejgħ jew skambju, u offerta għall-bejgħ jew skambju, ta' kampjuni meħuda mis-selvaġġ; ħlief għal dawk meħuda b'mod legali, qabel ma tiġi implimentata din id-Direttiva.

[…]"

11. L-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar l-Habitats fih derogi mill-Artikolu 12:

"Sakemm ma jkunx hemm alternattiva sodisfaċenti u d-deroga mhix ta' dannu għall-ħarsien tal-popolazzjonijiet ta' l-ispeċi konċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjoniet ta' l-Artikoli 12,13,14 u 15(a) u (b):

a) fl-interess li jħarsu l-fawna u l-flora selvaġġa u li jkkonservaw l-*habitat* naturali;

b) biex jipprevjenu l-ħsara serja, b'mod partikolari lill-uċuħ tar-raba', lill-bhejjem, lill-foresti, liż-żoni tas-sajd u lill-ilma u lil tipi oħra ta' proprjetà;

ċ) fl-interess tas-saħħa u s-sigurtà pubblika, jew għal raġunijiet obbligatorji oħra li huma konnessi ma' l-interess pubbliku, inklużi dawk tat-tip soċjali jew ekonomiku, u l-konsegwenzi ta' benefiċċju ta' l-akbar importanza għall-ambjent;

d) għall-għan tar-riċerka u l-edukazzjoni, biex tiġġedded il-popolazzjoni u biex jiġu introdotti mill-ġdid dawn l-ispeċi u għall-ħidmiet ta' tgħammir meħtieġa għal dawn l-iskopijiet, inkluża l-propagazzjoni artifiċjali tal-pjanti;

e) biex ikun jista' jsir, taħt kondizzjonijiet ta' sorveljanza stretta, fuq bażi selettiva u għall-ammont limitat, it-teħid jew iż-żamma ta' ċertu kampjuni ta' l-ispeċi msemmija fl-Anness IV, f'għadd limitat speċifikat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti."

12. L-Anness IV(a) tad-Direttiva dwar l-Habitats isemmi fost l-oħrajn il-lupu:

"*Canis lupus* (minbarra l-popolazzjonijiet tal-Greċja fit-tramuntana tad-39 parallel; il-popolazzjonijiet tal-Estonja, il-popolazzjonijiet ta' Spanja fit-tramuntana tad-Duero; il-popolazzjonijiet tal-Bulgarija, tal-Latvja, tal-Litwanja, tal-Polonja u tas-Slovakkja u l-popolazzjonijiet tal-Finlandja ġewwa ż-żona ta' kontroll tar-renni kif definit fil-paragrafu 2 tal-Att Finlandiż Nru 848/90 tal-14 ta' Settembru 1990 fuq il-kontroll tar-renni)".

2. Id-Direttiva dwar l-Għasafar

13. L-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-Għasafar selvaġġi fih is-sistema ġenerali ta' ħarsien għall-għasafar:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7 u 9, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu sistema ġenerali ta' protezzjoni għall-ispeċi kollha tal-għasafar imsemmija fl-Artikolu 1, li tipprojbixxi partikolarment:

a) il-qtil u l-qabda intenzjonata bi kwalunkwe metodu;

b) il-qerda, jew il-ħsara intenzjonata lill-bejtiet u l-bajd tagħhom jew it-tneħħija tal-bejtiet tagħhom;

c) teħid tal-bajd tagħhom fis-selvaġġ u ż-żamma ta' dawn il-bajd anke jekk vojta;

d) it-tfixkil intenzjonat ta' dawn l-għasafar, partikolarment waqt il-perjodu tat-tgħammir u tkabbir, sakemm dan it-tfixkil jista' jkun sinifikanti fil-kuntest tal-għanijiet ta' din id-Direttiva;

e) iż-żamma tal-għasafar ta' speċi li l-kaċċa jew il-qabda tagħhom hija pprojbita."

C. Id-dritt nazzjonali

14. L-Artikolu 4(14) tal-Ordonanța de urgență nr. 57/2007 privind regimul ariilor naturale protejate, conservarea habitatelor naturale, a florei și faunei sălbatice (id-Digriet ta' Urġenza tal-Gvern Nru 57/2007 li Jirregola r-Riżervi Naturali u l-Konservazzjoni tal-Habitats Naturali, u tal-Flora u tal-Fawna Selvaġġa, iktar 'il quddiem id-"Digriet ta' Urġenza Nru 57/2007") jiddefinixxi t-terminu "habitat naturali" kif ġej:

"il-kumpless tal-komponenti, tal-istrutturi u tal-proċessi fiżiko-ġeografiċi, bioloġiċi u bioġenetiċi naturali, fl-ilma u fuq l-art, li huma xierqa għall-konservazzjoni tal-ħajja u sabiex jiġġeneraw ir-riżorsi meħtieġa għal din".

15. L-Artikolu 33(1) tad-Digriet ta' Urġenza Nru 57/2007 jittrasponi l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar l-Habitats:

"Fir-rigward tal-ispeċi ta' pjanti u annimali selvaġġi fuq l-art, fil-baħar u taħt l-art li huma previsti fl-Annessi 4 A u 4 B, bl-eċċezzjoni tal-ispeċi ta' għasafar li jgħixu ġewwa jew barra mir-riżervi naturali, dawn li ġejjin huma pprojbiti:

a) kull forma ta' ġbir, qbid, qtil, qerda jew feriment ta' kampjuni li jkunu fl-habitat naturali tagħhom, fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu bioloġiku tagħhom;

b) it-tfixkil intenzjonat waqt il-perijodu ta' tgħammir, ta' tkabbir, ta' ibernazzjoni u ta' migrazzjoni;

c) il-ħsara intenzjonata, qerda u/jew it-teħid tal-bejtiet u/jew tal-bajd fis-selvaġġ;

d) il-ħsara jew qerda ta' siti ta' tgħammir jew ta' siti ta' mistrieħ;

e) il-qtugħ ta' fjuri u frott kif ukoll it-teħid, it-tqaċċit, il-qligħ tal-għeruq jew il-qerda intenzjonata ta' pjanti bħal dawn fl-habitat naturali tagħhom, fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu bioloġiku tagħhom;

f) iż-żamma, it-trasport, il-bejgħ jew l-iskambju għal kwalunkwe skop kif ukoll l-offerta għal skambju jew għal bejgħ ta' kampjuni meħuda mis-selvaġġ, fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu bioloġiku tagħhom."

16. L-Artikolu 38 tad-Digriet ta' Urġenza Nru 57/2007 jirregola derogi mill-projbizzjonijiet tal-Artikolu 33(1). Skont l-Artikolu 38(2), dawn id-derogi jiġu stabbiliti permezz ta' deċiżjoni tal-kap tal-awtorità ċentrali għall-ambjent u ħarsien tal-foresti, adottata wara li tiġi kkonsultata l-Academia Română (l-Akkademja Rumena).

17. Skont l-Artikolu 52(d) tal-Digriet ta' Urġenza Nru 57/2007, ksur tal-Artikolu 33(1) jikkostitwixxi reat, punibbli bi priġunerija minn tliet xhur sa sena jew b'multa.

III. Il-fatti tal-kawża u r-rinviju għal deċiżjoni preliminari

18. Ir-raħal Rumen, Şimon, fil-muniċipalità ta' Bran, fid-distrett ta' Braşov, jinsab madwar kilometru fuq il-lvant tal-fruntiera tas-sit ta' "Bucegi", li l-Kummissjoni, fuq proposta tar-Rumanija, żiedet fil-lista ta' siti ta' importanza Komunitarja bil-kodiċi ROSCI0013[7]. Sit ieħor bħal dan, "Munții Făgăraş", bil-kodiċi ROSCI0122 jinsab madwar tmien kilometri 'l bogħod fil-Punent tar-raħal[8]. Għaż-żewġ siti, il-preżenza ta' lupi hija rreġistrata fil-formoli standard tad-data[9].

19. Fis-6 ta' Novembru 2016, għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija, impjegati tal-assoċjazzjoni "Direcția pentru Monitorizarea și Protecția Animalelor" (id-Direttorat għall-Monitoraġġ u l-Ħarsien tal-Annimali, iktar 'il quddiem id-"DMPA"), flimkien mal-veterinarju UN, u mmexxija minn TM, marru lejn Şimon. L-intenzjoni tagħhom kienet li jaqbdu u jirrilokaw lupu, li għal xi jiem kien preżenti fuq il-proprjetà ta' resident lokali, fejn kien qed jilgħab u jiekol mal-klieb tal-familja.

20. Il-lupu ġie anestetizzat bi projettili li kien fih mediċini veterinarji li fihom sustanzi narkotiċi u psikotropiċi. Huwa nġarr minn denbu u minn għonqu ma' vettura u tqiegħed, taħt sedattiv, f'gaġġa għat-trasport tal-klieb.

21. Imbagħad l-impjegati tad-DMPA rranġaw sabiex il-lupu jiġi ttrasportat lejn ir-riżerva għall-orsijiet Libearty, fil-belt ta' Zărnești (ir-Rumanija) fil-provinċja ta' Braşov, fejn hemm reċint magħluq sabiex jinżammu l-lupi li jiġu salvati minn żus li ma jkunux xierqa għall-ispeċi. Madankollu, waqt li kien qed jiġi ttrasportat, il-lupu rnexxilu jaħrab u jmur jistaħba fil-foresti tal-madwar.

22. Fid-9 ta' Mejju 2017 l-assoċjazzjoni "Alianța pentru combaterea abuzurilor" (l-Alleanza Kontra l-Abbuż) ressqet ilment kontra:

– l-akkużat TM, impjegat tad-DMPA;

– l-akkużata veterinarju UN;

– il-persuna ġuridika DMPA flimkien ma' persuni oħra attivi impjegati magħha.

7 Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/91/KE tat-12 ta' Diċembru 2008 li tadotta, skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, it-tieni lista aġġornata tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Alpi (ĠU 2009 L 43, p. 21).

8 Il-pożizzjoni ġeografika tar-raħal tidher fin-"Natura 2000 Network Viewer", https://natura2000.eea.europa.eu/

9 Bucegi: http://natura2000.eea.europa.eu/Natura2000/SDF.aspx?site=ROSCI0013; Munții Făgăraș: http://natura2000.eea.europa.eu/Natura2000/SDF.aspx?site=ROSCI0122.

23. Mill-att tal-akkuża jirriżulta li ma kien inkiseb l-ebda permess għall-qbid u għat-trasport tal-lupu.

24. Fil-kuntest ta' din il-kawża, il-Judecătoria Zărnești (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, Zărnești, ir-Rumanija) tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda li ġejja:

"L-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar l-Habitats għandu jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jistabbilixxu derogi mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 12, 13, 14 u tal-Artikolu 15(a) u (b), anki meta l-annimali li jagħmlu parti mill-ispeċi mhedda jitilqu mill-habitat naturali tagħhom u jkunu jinsabu jew viċin ħafna tiegħu jew kompletament 'il barra minnu?"

25. L-assoċjazzjoni "Alianța pentru combaterea abuzurilor" (iktar 'il quddiem l-"APCA"), ir-Rumanija u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub.

IV. Evalwazzjoni legali

26. Skont ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, l-iskop tad-domanda magħmula huwa li jiġi stabbilit jekk mingħajr deroga taħt l-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar l-Habitats jistax isir qbid intenzjonat ta' lupi slavaġ fil-każ fejn l-annimal jinstab fil-marġni ta' raħal jew meta l-annimal jidħol fit-territorju ta' awtorità lokali. Tali deroga tkun neċessarja biss jekk id-dispożizzjonijiet ta' ħarsien ikunu fil-prinċipju applikabbli f'dawn il-każijiet.

27. Huwa minnu li d-domanda speċifika tal-Judecătoria Zărnești (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, Zărnești) hija bbażata fuq malintiż ikkawżat mit-traspożizzjoni Rumena tad-Direttiva dwar l-Habitats. Hija, madankollu, tqajjem domanda leġittima li tistħoqq eżami iktar fid-dettall.

28. Il-malintiż huwa li l-ħarsien tal-ispeċi għandu jkun applikabbli biss fil-każ fejn l-ispeċi mħarsa jkunu preżenti fl-habitat naturali tagħhom. Dan jikkorrispondi mat-test tal-Artikolu 33(1)(a) tad-Digriet Rumen ta' Urġenza Nru 57/2007. Madankollu, għal dan ma hemm ebda bażi la fit-test tad-Direttiva dwar l-Habitats - (inkluż fil-verżjoni Rumena tagħha) - u lanqas fil-għan li hija ssegwi.

29. L-Artikolu 1(b) tad-Direttiva dwar l-Habitats jiddefinixxi l-habitats naturali. Skont l-Artikoli 3 sa 6 tal-imsemmija direttiva, dawn għandhom jitħarsu bħala tali fil-kuntest ta' żoni protetti tan-Netwerk Natura 2000. Fl-istess waqt, madankollu, dan in-netwerk jinkludi l-habitats ddefiniti separatament fl-Artikolu 1(f) tal-ispeċi elenkati fl-Anness II. Billi l-lupu huwa elenkat f'dan l-anness, għandu jkun hemm żoni protetti partikolari għal din l-ispeċi. Għalhekk, il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew f'raħal li jinsab bejn żewġ żoni protetti kbar, li fihom il-lupu wkoll huwa protett.

30. Madankollu f'din il-kawża il-kwistjoni ma hijiex dwar il-ħarsien tal-lupu fil-kuntest ta' protezzjoni territorjali, iżda dwar il-ħarsien tal-ispeċi taħt l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar l-Habitats. Skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu sistema ta' ħarsien strett għall-ispeċi ta' annimali msemmija fl-Anness IV(a) u, għaldaqstant, anki għal-lupu, fil-firxa naturali tagħhom. Skont l-Artiloku 12(1)(a), din is-sistema tipprojbixxi l-forom kollha ta' qbid intenzjonat jew qtil ta' kampjuni ta' dawn l-ispeċi fis-selvaġġ.

31. Sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tagħti risposta utli lill-Judecătoria Zărnești (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, Zărnești), hija għandha għalhekk teżamina jekk, għall-finijiet tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar l-Habitats, postijiet fejn jgħixu n-nies jagħmlux parti mill-*firxa naturali* tal-lupu. Barra minn hekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina wkoll jekk it-tqegħid taħt anestetiku ta' lupu fuq proprjetà residenzjali u t-trasport tiegħu f'gaġġa, jistax jitqies bħala qbid ta' kampjun tal-ispeċi *fis-selvaġġ* fis-sens tal-Artikolu 12(1)(a). Barra minn hekk, ikun ukoll utli jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tidħol fil-qasir fil-possibbiltà ta' deroga taħt l-Artikolu 16 kif ukoll fil-limitazzjonijiet taħt id-dritt tal-Unjoni ta' eventwali sanzjoni għal ksur tas-sistema ta' ħarsien strett prevista fl-Artikolu 12.

A. Dwar il-firxa naturali fis-sens tal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Habitats

32. It-terminu bioloġiku tal-firxa naturali użat fl-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Habitats, fil-verżjoni Ingliża "natural range", fil-verżjoni Franċiża "aire de répartition naturelle", ma huwiex iddefinit fid-Direttiva.

33. Mill-użu tal-kunċett "naturali" wieħed jista' jiddeduċi li l-lupu inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien barra mill-firxa naturali tiegħu. Fil-fatt, post fejn jgħixu n-nies ma huwiex *prima facie* żona naturali. Barra minn hekk, postijiet fejn jgħixu n-nies ma humiex, għallinqas mill-esperjenza ġenerali, l-ambjent naturali ta' lupi selvaġġi.

34. Madankollu, din l-esperjenza ġenerali teżiġi evidenza xjentifika qabel tkun tista' tiskatta l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-ħarsien tal-ispeċi [10]. Billi evidenza xjentifika bħal din hija ta' natura fattwali, din għandha tiġi stabbilita mill-qorti nazzjonali fil-kuntest tar-relazzjoni ta' kooperazzjoni li tikkaratterizza l-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari. Madankollu għandu jiġi nnotat li ċerti speċi mħarsa mid-dritt tal-Unjoni, bħal ċerti friefet il-lejl, il-ħanfusa eremita (*Osmoderma eremita*) jew l-ispanjuletti 'lesser kestrels' (*Falco naumanni)* [11]) mingħajr dubju jużaw habitats f'postijiet fejn jgħixu n-nies. Barra minn hekk, mill-perspettiva xjentifika jeżistu indikazzjonijiet li l-lupi wkoll, anki jekk rarament, iżda tassew b'mod regolari, jgħixu qrib postijiet fejn jgħixu n-nies [12].

35. Indipendentement minn din il-misoqsija xjentifika, li wieħed jeskludi postijiet fejn jgħixu n-nies mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, ikun inkompatibbli mhux biss mal-għan tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-ispeċi, iżda wkoll mal-formulazzjoni tagħhom u mal-istruttura tagħhom.

36. Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-għan tas-sistema ta' protezzjoni stabbilita fl-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Habitats, għandu jiġi enfasizzat li dan jipprovdi li għandha tiġi stabbilita sistema ta' ħarsien *strett*. Sistema ta' ħarsien strett bħal din għalhekk għandha tkun kapaċi li tassew tipprevjeni l-atti li huma ta' preġudizzju għall-ispeċi ta' annimali elenkati identifikati fl-Artikolu 12(1) [13] B'hekk ma jkunx kompatibbli li wieħed (awtomatikament [14]) ma joffrix il-protezzjoni lill-kampjuni tal-ispeċi mħarsa, meta l-habitats tagħhom ikunu f'postijiet fejn jgħixu n-nies jew meta dawn aċċidentalment jintilfu u jiġu f'postijiet fejn jgħixu n-nies.

37. Minn analiżi iktar mill-qrib, lanqas it-tifsira letterali tat-terminu "firxa naturali" ma tipprekludi l-inklużjoni ta' postijiet fejn jgħixu n-nies. Dan il-kunċett jirreferi għaż-żona li fih hija preżenti jew tinxtered l-ispeċi kkonċernata fil-kuntest tal-imġiba naturali tagħha. Li kieku l-kunċett kien intiż sabiex ikopri biss habitats "naturali" li fihom huma preżenti l-ispeċi, l-aġġettiv kwalifikattiv "naturali" kieku tqiegħed f'pożizzjoni oħra, sabiex jindika, pereżempju, li l-projbizzjonijiet japplikaw biss fiż-żoni naturali li fihom l-ispeċi hija mxerrda.

10 Ara s-sentenzi tal-10 ta' Ottubru 2019, Luonnonsuojeluyhdistys Tapiola (C-674/17, EU:C:2019:851, punti 45, 51, 66 u 71), u, f'dan is-sens, tat-8 ta' Ġunju 2006, WWF Italia *et* (C-60/05, EU:C:2006:378, punti 27 u 28).

11 Sentenza tat-28 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Spanja (żoni ta' protezzjoni speċjali għall-għasafar) (C-235/04, EU:C:2007:386).

12 Ara Boitani, *Action Plan for the conservation of the wolves (Canis lupus) in Europe* (Council of Europe, T-PVS (2000) 23, p. 15 u 16), Large Carnivore Initiative for Europe (LCIE), *Management of bold wolves* (1 March 2019, p. 2), kif ukoll Reinhardt *et al.*, *Konzept zum Umgang mit Wölfen, die sich Menschen gegenüber auffällig verhalten*, BfN-Skripten 502 (2018), p. 11 u 12.

13 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Ġunju 2011, Il-Kummissjoni vs Franza (Cricetus cricetus) (C-383/09, EU:C:2011:369, punt 21), tal-15 ta' Marzu 2012, Il-Kummissjoni vs Ċipru (Natrix n. cypriaca) (C-340/10, EU:C:2012:143, punt 62), u tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Forest ta' Białowieża) (C-441/17, EU:C:2018:255, punt 231).

14 Fir-rigward ta' eventwali eċċezzjonijiet, ara l-punti 56 *et seq.* iktar 'il quddiem.

38. Tifsira simili tirriżulta mid-definizzjoni, iċċitata mill-Kummissjoni, li tinsab fl-Artikolu 1(f) tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċje Migratorji tal-Annimali Selvaġġi. Skont din id-definizzjoni, "firxa" tkopri ż-żoni kollha ta' l-art jew tal-baħar ta' speċje migratorji abitanti, li jabitaw temporanjament, li jaqsmu jew li jtiru minn fuqhom fi kwalunkwe żmien waqt ir-rotta migratorja normali tagħhom. Ma hijiex ristretta għal żoni naturali. Bil-kontra, fiż-żona tal-firxa tal-ispeċi, hemm inkluż b'mod espliċitu l-qsim minn żona għal oħra ta' kull tip.

39. Għalkemm din id-definizzjoni ma hijiex direttament rilevanti għal dan il-każ partikolari, peress li dan ma jirrigwardax l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni, hija madankollu turi b'mod ċar il-fehim xjentifiku tat-terminu bioloġiku rilevanti. Għaldaqstant hija għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-interpretazzjoni ta' dan it-terminu, fatt li huwa rifless ukoll f'dokument stabbilit mill-Kummissjoni sabiex tikkoordina l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Habitats fi ħdan grupp ta' ħidma li jinkludi rappreżentanti tal-Istati Membri [15], kif ukoll, sussegwentement, fid-dokument ta' gwida tagħha dwar il-ħarsien tal-ispeċi li hija ddiskutiet mal-Istati Membri [16].

40. Ta' importanza ikbar mill-perspettiva legali hija konvenzjoni oħra, il-Konvenzjoni ta' Berna, li l-Artikolu 6(a) tagħha, moqri flimkien mal-Anness II tal-istess, huwa traspost permezz tal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Habitats [17]. Skont dan l-artikolu hija pprojbita, b'mod partikolari, kull forma ta' qbid intenzjonat ta' lupi. Huwa ma jistabbilixxix limitazzjonijiet ġeografiċi. Għall-kuntrarju, l-estensjoni għal *kull* forma ta' qbid intenzjonat ssaħħaħ l-argument favur interpretazzjoni wiesgħa tal-projbizzjoni.

41. Il-ħmistax-il premessa tad-Direttiva dwar l-Habitats tindika fl-istess direzzjoni, sa fejn hija tgħid li l-ħarsien tal-ispeċi taħt id-Direttiva dwar l-Habitats huwa intiż sabiex jikkumplimenta d-Direttiva dwar l-Għasafar. Ir-referenza għad-Direttiva dwar l-Għasafar hija referenza għall-projbizzjonijiet li hemm fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, li fil-parti l-kbira tagħhom huma konsistenti mal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Habitats. Lanqas dawn il-projbizzjonijiet ma huma ġeografikament limitati. F'dan l-isfond, il-Qorti tal-Ġustizzja kkritikat il-fatt li Stat Membru kien eskluda kompletament mill-ħarsien tal-Artikolu 5 ir-russetti griżi (*Ardea cinerea*) u l-kormorani (*Phalacrocorax carbo*) preżenti fl-għadajjar tal-ħut [18].

42. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Habitats li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' siti juru wkoll li l-ħarsien tal-ispeċi bl-ebda mod ma jistax jiġi limitat għas-siti protetti. Fil-fatt, dawn is-siti protetti ma ġewx iddelimitati bil-għan li jkopru kompletament l-habitat tal-lupi. Il-lupi huma speċi ta' annimali li jimirħu f'habitats kbar [19]. Għal din l-ispeċi, it-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) tillimita s-siti protetti għal postijiet fil-firxa naturali tagħhom, li joffru l-fatturi fiżiċi jew bioloġiċi essenzjali għal ħajjithom u għar-riproduzzjoni tagħhom. B'hekk, din id-dispożizzjoni tirrikonoxxi li l-firxa naturali ta' din l-ispeċi tkopri wkoll siti li jkunu barra miż-żoni protetti. F'dan il-kuntest, ta' min ifakkar li r-raħal ta' Şimon jinsab bejn żewġ żoni protetti kbar li jinkludu wkoll il-preżenza tal-lupi u għalhekk ta' min jistenna migrazzjonijiet tal-lupi bejn dawn iż-żoni.

15 Il-Kummisjoni Ewropea, Note to the Habitats Committee tal-15 ta' Marzu 2005, *Assessment, monitoring and reporting of conservation status — Preparing the 2001-2007 report under Article 17 of the Habitats Directive* (DocHab-04-03/03 rev.3), Anness F.

16 Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Gwida dwar il-Protezzjoni Stretta tal-Ispeċi tal-Annimali ta' Interess Komunitarju skont id-Direttiva dwar l-Habitats 92/43/KEE, p. 11 u 12.

17 Rapport dwar il-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali (1997–1998) (Artikolu 9(2)) (ippreżentat mill-Kummissjoni Ewropea), SEK(2001) 515 finali. Ara wkoll, *inter alia*, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej u tar-rappreżentattivi tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill fid-19 ta' Ottubru 1987, dwar il-kontinwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Komunità Dwropea u tal-programm ta' l-azzjoni dwar l-ambjent (1987–1992) (ĠU 1987 C 328, p. 1, punt 5.1.6). Is-sentenza tat-13 ta' Frar 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-75/01, EU:C:2003:95, punt 57), ma tipprekludix milli tittieħed inkunsiderazzjoni din il-konvenzjoni, peress li, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement qalet li t-traspożizzjoni ta' din il-konvenzjoni ma hijiex suffiċjenti għall-finijiet tat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-Habitats, sa fejn din il-konvenzjoni ma tilħaqx l-istandards tad-Direttiva.

18 Sentenza tas-26 ta' Jannar 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-192/11, mhux ippubblikata, EU:C:2012:44, punt 63).

19 Boitani, *Action Plan for the conservation of the wolves (Canis lupus) in Europe*, (Council of Europe, T-PVS (2000) 23, p. 16).

43. Barra minn hekk, għad-delimitazzjoni ġeografika tal-ħarsien, id-Direttiva dwar l-Habitats tuża teknika regolatorja differenti: Kif turi l-inklużjoni tal-lupu fl-Anness IV(a), is-siti eskludi mill-ħarsien, bħal ċerti Stati Membri – Greċja fit-tramuntana tad-39 parallel, Spanja fit-tramuntana ta' Duero u ż-żona tat-trobbija tal-merħliet ta' renni fil-Finlandja – jiġu indikati b'mod ċar.

44. Għaldaqstant, il-partijiet għandhom raġun jopponu ruħhom għall-esklużjoni ta' postijiet fejn jgħixu n-nies mill-ħarsien taħt l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Habitats.

45. B'hekk għandu jiġi konkluż li l-firxa naturali tal-lupu, u konsegwentement il-kamp ta'applikazzjoni territorjali tal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Habitats fir-rigward ta' din l-ispeċi, tista' tinkludi postijiet fejn jgħixu n-nies.

B. Dwar l-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva dwar l-Habitats: "fis-selvaġġ"

46. Barra minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina jekk il-qbid ta' lupu fil-viċinanza ta' postijiet fejn jgħixu n-nies jaqax taħt il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva dwar l-Habitats. Skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu, b'mod partikolari, il-forom kollha ta' qbid intenzjonat ta' kampjuni minn dawn l-ispeċi u għalhekk tal-lupu wkoll, fis-selvaġġ.

47. L-użu tal-kunċett ta' teħid min-natura fil-verżjoni Ġermaniża x'aktarx huwa żball tat-traduzzjoni. Minn naħa, ma jagħmilx sens li wieħed jitkellem dwar qbid ta' kampjuni fin-natura, peress li t-teħid jinkludi l-qbid [20]. Min-naħa l-oħra, il-biċċa l-kbira [21] tal-verżjonijiet lingwistiċi oriġinali, jirreferu għal qbid fin-natura, pereżempju fil-verżjoni Franċiża nsibu b'mod espliċitu l-kliem ("dans la nature"), u fil-verżjoni Ingliża l-kliem fl-ambjent selvaġġ ("in the wild").

48. Irrispettivament minn din il-problema ta' traduzzjoni, wieħed jista' jsostni l-opinjoni li l-qbid ta' lupu ħdejn postijiet fejn jgħixu n-nies ma jistax jitqies bħala qbid fin-natura jew fl-ambjent selvaġġ.

49. Madankollu, il-kunsiderazzjonijiet dwar il-kuntest leġiżlattiv u dwar l-għan tal-ħarsien tal-ispeċi, li jiena diġà ħadt inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-kunċett "firxa naturali" jmorru kontra din il-fehma [22].

50. Hija iktar illuminanti l-verżjoni Olandiża tal-imsemmija dispożizzjoni. F'din il-verżjoni jissemma l-qbid ta' kampjuni li jgħixu fis-selvaġġ ("in het wild levende"). Mill-inqas f'din il-verżjoni, ir-referenza għan-natura jew għas-selvaġġ hija intiża mhux biex tiddeskrivi l-post fejn isir il-qbid iżda minn fejn ikun ġie l-annimal.

51. Dan il-fehim jifforma bażi xierqa sabiex jintlaħaq l-għan ta' projbizzjoni tal-qtil jew tal-qbid tal-ispeċi taħt ħarsien strett skont l-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva dwar l-Habitats. L-intenzjoni ma hijiex li jiġu mħarsa dawn l-ispeċi biss f'postijiet partikolari iżda li jiġu mħarsa l-kampjuni ta' dawn l-ispeċi li jgħixu fl-habitat naturali tagħhom jew fis-selvaġġ u li b'hekk għandhom funzjoni fl-ekosistemi naturali.

52. Il-parallel mal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva dwar l-Habitats, li huwa intiż sabiex jiġu pprojbiti ż-żamma, it-trasport, u l-bejgħ jew skambju u offerta għall-bejgħ jew skambju ta' kampjuni meħuda mis-selvaġġ, jikkonferma dan. Din il-projbizzjoni ma tapplikax għal kampjuni meħuda b'mod legali mis-selvaġġ qabel ma din id-direttiva saret applikabbli.

20 Sentenza tal-10 ta' Ottubru 2019, Luonnonsuojeluyhdistys Tapiola (C-674/17, EU:C:2019:851, punt 32).

21 Huma biss il-verżjoni Griega u dik Portugiża li jidhru li huma simili għal dik Ġermaniża.

22 Ara l-punti 36 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

53. Fil-prattika, projbizzjoni bħal din qajla tkun tista' tiġi implimentata jekk qabel ikollu jiġi stabbilit f'liema post l-annimal ikun "ittieħed". Probabbilment diġà jkun diffiċli biżżejjed biex wieħed jiddetermina l-mument li fih sar it-teħid. Barra minn hekk, ikun kuntrarju għall-għan ta' sistema ta' ħarsien strett, li kieku wieħed ikun jista' jwettaq tali atti b'kampjuni tal-ispeċi mħarsa b'mod strett, jekk dawn il-kampjuni jkunu "ittieħdu" waqt li huma jkunu ħallew temporanjament l-ambjent selvaġġ.

54. Madankollu, anki kieku wieħed kellu jillimita l-projbizzjonijiet tal-qbid u tal-qtil stabbiliti fl-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva dwar l-Habitats għas-selvaġġ, u b'hekk jiġu eskluži l-postijiet fejn jgħixu n-nies, dan ikun impossibbli fil-każ tal-projbizzjoni tat-tfixkil prevista fl-Artikolu 12(1)(b), peress li dan jipprovdi li għandu jiġi pprojbit *kull* tfixkil intenzjonat tal-ispeċi mħarsa b'mod strett, mingħajr limitazzjoni territorjali. Iżda, il-qbid u iktar u iktar il-qtil ta' kampjun ta' dawn l-ispeċi dejjem ikollu jitqies, mill-inqas, ukoll bħala tfixkil.

55. Kif qed targumenta wkoll il-Kummissjoni, ir-referenza għan-natura ("fis-selvaġġ") li tinsab fl-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva dwar l-Habitats għandha għaldaqstant tiġi interpretata fis-sens li l-protezzjoni li huwa jipprovdi ma hijiex applikabbli biss f'ċerti postijiet speċifiċi, iżda tkopri l-kampjuni kollha tal-ispeċi mħarsa, li jgħixu fl-ambjent naturali jew fis-selvaġġ u b'hekk jaqdu funzjoni fl-ekosistemi naturali. Dawn il-kampjuni ma għandhomx jinqabdu, jinqatlu, jinżammu, jiġu trasportati, jinbiegħu jew jiġu skambjati. Madankollu, dawn ir-restrizzjonijiet ma għandhomx japplikaw għal kampuni mrobbija fil-magħluq.

C. Dwar id-derogi previsti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar l-Habitats

56. Madankollu, dan ma jfissirx li din il-konklużjoni hija neċessarjament aċċettabbli f'kull każ li fih speċi mħarsa b'mod strett ifittxu postijiet fejn jgħixu n-nies u jgħixu fihom. Bil-kontra, b'mod partikolari fir-rigward ta' speċi annimali li min-natura tagħhom huma perikoluži jew marbuta ma' riskji partikolari, l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar l-Habitats jipprevedi ċerta diskrezzjoni għall-prevenzjoni ta' perikoli.

57. Għalhekk, l-Artikolu 16(1), (b) u (ċ) tad-Direttiva dwar l-Habitats jippermetti li jittieħdu miżuri biex jipprevjenu ħsara serja b'mod partikolari lill-uċuħ tar-raba' u lill-bhejjem (b), jew fl-interessi tas-saħħa u s-sigurtà pubblika, jew għal raġunijiet imperattivi oħra ta' interess pubbliku superjuri, inklużi dawk ta' natura soċjali jew ekonomika (ċ).

58. Id-deċiżjoni dwar miżuri bħal dawn għandha tittieħed abbażi ta' informazzjoni xjentifika b'saħħitha [23] jew abbażi tal-aħjar data xjentifika [24].

59. Fil-każ tal-lupu, wieħed ma jistax jeskludi *prima facie* li jista' jkun hemm riskju bħal dan u riskju bħal dan ikun jidher iktar ċar, pereżempju, fil-każ tal-orsijiet (*Ursus arctos*), li huma wkoll mħarsa bl-istess b'mod strett u li milli jidher ukoll kultant jintilfu u jsibu ruħhom f'postijiet fejn jgħixu n-nies fir-Rumanija [25].

60. Tassew li l-APCA hija tal-fehma li l-għoti ta' deroga ma huwiex iġġustifikat, peress li l-lupu inkwistjoni ma kkawża l-ebda ħsara. Madankollu, wieħed ma jistax joqgħod jistenna li fil-fatt issir ħsara jekk, abbażi tal-aqwa għarfien xjentifiku disponibbli, wieħed jista' jassumi li hemm riskju suffiċjenti ta' ħsara sostanzjali.

23 Sentenzi tal-10 ta' Ottubru 2019, Luonnonsuojeluyhdistys Tapiola (C-674/17, EU:C:2019:851, punti 45 u 71 (il-verżjoni Ġermaniża hija inkonsistenti hawnhekk)), u, f'dan is-sens, tat-8 ta' Ġunju 2006, WWF Italia *et* (C-60/05, EU:C:2006:378, punti 27 u 28).

24 Sentenza tal-10 ta' Ottubru 2019, Luonnonsuojeluyhdistys Tapiola (C-674/17, EU:C:2019:851, punti 51 u 66).

25 Id-DMPA tittratta wkoll każijiet bħal dawn: https://dpmpa-bv.com/home/english-home/blog-translated/shooting-the-bear-cub-in-sibiu/.

61. Huma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li għandhom jistabbilixxu riskju bħal dan, u fil-każ ta' tilwima, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jeżaminaw jekk dan ir-riskju jeżistix jew le. Madankollu, sitwazzjoni li fiha – kif donnu ġara fil-każ fil-kawża prinċipali – lupu, fuq perijodu ta' diversi jiem, ripetutament jersaq eqreb minn 30 metru lejn in-nies [26] ma għandhiex sempliċement tiġi injorata. Peress li l-lupu inkwistjoni għadda diversi jiem fuq il-proprjetà ta' resident lokali u lagħab u kiel mal-klieb tal-familja, il-preżenza ta' tali riskju fil-kawża prinċipali ma tistax tiġi eskluża.

62. Għaldaqstant, derogi mill-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar l-Habitats setgħu, fil-prinċipju, ikunu ġustifikabbli taħt l-Artikolu 16(1), (b) u (ċ). Madankollu, din id-dispożizzjoni, minbarra r-raġunijiet għad-derogi msemmija, tippreżupponi b'mod espliċitu li ma jkun hemm l-ebda alternattiva sodisfaċenti u li d-deroga ma tkunx tippreġudika ż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċi kkonċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom.

63. Għal dak li jirrigwarda soluzzjoni sodisfaċenti alternattiva, wieħed jista' qabel kollox jaħseb biex ibiegħed mil-lupu inċentivi bħal għalf u klieb jiġru fil-miftuħ [27], u dan ma jkun jirrikjedi l-ebda deroga taħt l-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar l-Habitats, u allura din tkun soluzzjoni preferibbli [28]. Huwa biss jekk il-lupu xorta waħda jkompli jfittex li jersaq qrib in-nies li wieħed għandu jikkunsidra li juża l-hekk imsejjaħ metodu ta' "tbeżżigħ" biex iġiegħel lil-lupu jwarrab, pereżempju permezz ta' sparar ta' bullits tal-lasktu. Madankollu hemm dubji [29] dwar l-effettività ta' dawn il-metodi.

64. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex evidenza li tneħħew l-inċentivi. Fil-prattika, jidher li l-qbid u l-ħarba sussegwenti tal-lupu kellhom l-istess effett ta' tgerrix.

65. Madankollu jidher li huwa dubjuż kemm it-trasport ippjanat tal-lupu lejn żona magħluqa seta' jiġi rrikonoxxut bħala soluzzjoni sodisfaċenti. Lanqas ma hemm evidenza li ttieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti ta' dan l-approċċ fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjoni tal-lupi.

D. Dwar il-proporzjonalità tal-piena

66. Madankollu fil-kawża prinċipali hemm indikazzjonijiet li l-Judecătoria Zărnești (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, Zărnești) ma għandhiex teżamina l-kundizzjonijiet għal deroga, għas-sempliċi raġuni li skont l-informazzjoni li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, l-awtoritajiet kompetenti ma kinux approvaw il-pjan ta' azzjoni. Kif qed targumenta l-APCA, dan il-fatt kien ukoll magħruf mill-konvenuti fil-kawża prinċipali. Għaldaqstant mhux ta' min jeskludi li l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-impożizzjoni ta' piena skont it-traspożizzjoni Rumena tad-Direttiva dwar l-Habitats huma ssodisfatti.

67. Dwar dan wieħed ta' min jinnota li, skont l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, din il-piena għandha tkun proporzjonata, jiġifieri, b'mod partikolari, xierqa [30]. Din il-piena għandha, għaldaqstant, tkun proporzjonata għall-gravità tar-reat imwettaq u ċ-ċirkustanzi tal-każ partikolari għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ [31].

68. F'dan ir-rigward, f'dan il-każ, ikun rilevanti l-fatt li l-ħsara kkawżata tidher li kienet żgħira ħafna jekk il-lupu inkwistjoni effettivament reġa' sab ruħu ħieles.

26 LCIE (nota ta' qiegħ il-paġna 12, p. 2 u 3) kif ukoll Reinhardt *et* (nota ta' qiegħ il-paġna 12, p. 18 *et seq*. u 23).

27 Reinhardt *et* (nota ta' qiegħ il-paġna 12, b'mod partikolari l-p. 13, 24 u 27) kif ukoll LCIE, (nota ta' qiegħ il-paġna 12, p. 5).

28 Ara s-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2019, Luonnonsuojeluyhdistys Tapiola (C-674/17, EU:C:2019:851, punt 48).

29 Reinhardt *et* (nota ta' qiegħ il-paġna 12, p. 29 *et seq*.) kif ukoll LCIE, (nota ta' qiegħ il-paġna 12, p. 1 u 5).

30 Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Link Logistik N&N (C-384/17, EU:C:2018:810, punt 41).

31 Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Link Logistik N&N (C-384/17, EU:C:2018:810, punti 42 u 45).

69. Barra minn hekk, skont l-informazzjoni disponibbli, il-leġiżlazzjoni Rumena ma tagħmilhiex possibbli li wieħed jirreaġixxi għall-aġir tal-lupu inkwistjoni f'qasir żmien u fl-istess ħin jitnaqqas kemm jista' jkun malajr ir-riskji marbutin magħha. Lanqas ma jidher li fir-Rumanija jeżistu regolamenti xjentifikament validi jew linji gwida dwar kif kellha tkun tali reazzjoni.

70. Dawn iċ-ċirkustanzi jindikaw li l-piena imposta ma għandhiex tkun waħda severa. Madankollu, huwa wkoll minnu f'dan ir-rigward li l-eżami ta' dawn iċ-ċirkustanzi kif ukoll it-teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ huma responsabbiltà tal-qorti nazzjonali.

V. Konklużjoni

71. Għaldaqstant nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tkun kif ġej:

1) Il-firxa naturali tal-lupu (*Canis lupus*) u, għaldaqstant, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, għal dak li jikkonċerna din l-ispeċi, jista' jinkludi postijiet fejn jgħixu n-nies.

2) Ir-referenza għan-natura ("fis-selvaġġ") li tinsab fl-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 92/43 għandha tiġi interpretata fis-sens li l-protezzjoni li hija tipprevedi ma hijiex applikabbli biss f'postijiet speċifiċi, iżda tkopri l-kampjuni kollha tal-ispeċi protetti li jgħixu fin-natura jew fis-selvaġġ u b'hekk għandhom funzjoni fl-ekosistemi naturali.